**Il-Milied**

Fil-bidu tax-xitwa, fil-ħamsa u għoxrin ta’ Diċembru niċċelebraw il-Milied biex nfakkru t-twelid tal-Bambin Ġesu’.

Għal din il-festa jsiru ħafna preparamenti fid-djar, fit-toroq u speċjalment fil-knejjes. Fid-dar jintrama l-presepju, l-Bambin u s-siġra tal-Milied. In-nies jibgħatu l-kartolini biex jawguraw awguri għal Milied u s-Sena l-Ġdida. Ommi tagħmel il-kejk tal-Milied sa minn kmieni kif ukoll qagħaq tal-għasel u ħelu ieħor. It-tfal jagħmlu kalzetta tal-Milied bil-ħsieb li Santa Klaws iġibilhom xi rigal sabiħ.

It-toroq ikunu imżejna bid-dawl u fil-pjazza tar-raħal ikun hemm is-siġra tal-Milied. Il-faċċati tad-djar ikunu mżejna bit-twieqi mixgħula. Kemm nieħu gost nara lil Santa Klaws jiddendel ma xi faċċata biex jipprova jidħol ġewwa. Il-ħwienet ikunu mimlija bin-nies jixtru rigali għal ħbiebhom u għal qrabathom.

Il-knejjes ikunu mżejna bid-damask aħmar u bil-fjuri l-ponsjetta. Il-qniepen idoqqu ferrieħa fiż-żmien il-Milied. Jiġi armat presepju u l-Bambin Ġesu’ bil-ġulbiena. It-tfal jattendu ferħanin in-novena ta’ Ġesu’ Bambin. Il-kor ikanta għanjiet sbieħ tal-Milied u kulħadd ikun jistenna bil-ħerqa l-Quddiesa ta’ Nofs il-lejl biex jisma’ l-priedka tat-tifel u jieħu sehem fil-purċissjoni tal-Bambin. Wara niftħu r-rigali u ommi tibda tipprepara l-ikla tal-Milied billi isajjar dundjan mimli. Fil-Milied il-familja jinġabru flimkien għall-ikel u l-ħbieb jingħaqdu f’xi festin.

Il-Milied huwa żmien sabiħ u żmien ta’ ferħ, paċi, għaqda fost il-bnedmin ta’ rieda tajba kif ħabrulna l-anġli meta twieled il-Bambin Ġesu’. “Glorja lil Alla u paċi fl-art lil bnedmin ta’ rieda tajba”.

Graziella Cassar